Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2025/2114(INI)

7.7.2025

EMENDI
1 - 102

Abbozz ta' rapport
Fredis Beleris
(PE773.363v01-00)

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2024
(2025/2114(INI))

Emenda 1
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
— wara li kkunsidra l-Artikoli 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar id-dritt ta' ċittadini u residenti tal-UE li jressqu petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew,	– wara li kkunsidra l-Artikoli ***20,*** 24 u 227 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) dwar id-dritt ta' ċittadini u residenti tal-UE li jressqu petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew,

Or. en

Emenda 2
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi wara l-elezzjonijiet Ewropej, li saru bejn is-6 u d-9 ta' Ġunju 2024, u l-kostituzzjoni tal-Parlament il-ġdid fis-16 ta' Lulju 2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza l-laqgħa kostituttiva tiegħu fit-23 ta' Lulju 2024;	A. billi wara l-elezzjonijiet Ewropej, li saru bejn is-6 u d-9 ta' Ġunju 2024, u l-kostituzzjoni tal-Parlament il-ġdid fis-16 ta' Lulju 2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza l-laqgħa kostituttiva tiegħu fit-23 ta' Lulju 2024; ***jiddispjaċih li l-maġġoranza tal-membri tal-kumitat responsabbli għall-valutazzjoni tal-esperjenzi taċ-ċittadini dwar il-funzjonament xieraq tal-amministrazzjoni Ewropea naqsu milli jikkonformaw mar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 229, sabiex jiġi evitat li l-viċi president jiġi assenjat lit-tielet l-akbar grupp fil-Parlament Ewropew li għalih kien intitolat;***

Or. fr

Emenda 3

Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi fl-2024, il-Parlament irċieva 1 518 petizzjoni, li jirrappreżentaw żieda ta' 4,3 % meta mqabbla mal-1 452 petizzjoni li rċieva fl-2023 u tnaqqis ta' 19,8% meta mqabbla mal-1 217-il petizzjoni li rċieva fl-2022;	C. billi fl-2024, il-Parlament irċieva 1 518 petizzjoni, li jirrappreżentaw żieda ta' 4,3 % meta mqabbla mal-1 452 petizzjoni li rċieva fl-2023 u tnaqqis ta' 19,8% meta mqabbla mal-1 217-il petizzjoni li rċieva fl-2022; ***billi l-ammont totali ta' petizzjonijiet li waslu għadu qed ikun sensibbilment anqas mill-ogħla livell milħuq fl-2013 u fl-2014, fejn il-Parlament irċieva 2 891 petizzjoni u 2 715-il petizzjoni rispettivament;***

Or. en

Emenda 4
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi fl-2024, 15 661 utent appoġġjaw petizzjonijiet fuq il-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament, tnaqqis sinifikanti meta mqabbel ma' 26 331 fl-2023 u 22 441 fl-2022; billi l-għadd ta' klikks ta' appoġġ naqas ukoll għal 17 745 fl-2024, meta mqabbel ma' 29 287 fl-2023 u 27 927 fl-2022;	D. billi fl-2024, 15 661 utent appoġġjaw petizzjonijiet fuq il-Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament, tnaqqis sinifikanti meta mqabbel ma' 26 331 fl-2023 u 22 441 fl-2022; billi l-għadd ta' klikks ta' appoġġ naqas ukoll għal 17 745 fl-2024, meta mqabbel ma' 29 287 fl-2023 u 27 927 fl-2022; ***billi ħafna petizzjonijiet ingħalqu direttament fid-dokument sommarju, li huwa att amministrattiv, iżda ma fih l-ebda motivazzjoni raġunata; billi dawk il-petizzjonijiet qatt ma ngħataw l-opportunità li jinstemgħu fil-Kumitat wara li ġew iddikjarati ammissibbli;***

Or. en

Emenda 5
Virginie Joron, Pál Szekeres, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, u dan juri li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw liċ-ċittadini direttament; billi, fl-eżerċizzju tad-dritt li titressaq petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom;	E. billi l-għadd totali ta' petizzjonijiet għadu modest meta mqabbel mal-popolazzjoni totali tal-UE, u dan juri li jeħtieġ li jsiru aktar sforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni, u dwar l-utilità possibbli tal-petizzjonijiet bħala mezz biex jiġbdu l-attenzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri għal kwistjonijiet li jaffettwaw u jikkonċernaw liċ-ċittadini direttament; billi ***l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li huwa popolari ħafna fost iż-żgħażagħ f'avvenimenti bħall-Avvenimenti Ewropej taż-Żgħażagħ (EYE) fi Strażburgu, huwa mezz effettiv biex jiġi promoss dan id-dritt u biex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza tiegħu fost iċ-ċittadini, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ; billi huwa għalhekk essenzjali li tiġi żgurata preżenza attiva u sistematika tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'kull edizzjoni tal-EYE sabiex jissaħħu l-viżibbiltà u l-aċċessibbiltà tiegħu; billi***, fl-eżerċizzju tad-dritt li titressaq petizzjoni, iċ-ċittadini jistennew li l-istituzzjonijiet tal-UE jipprovdu valur miżjud biex tinstab soluzzjoni għall-problemi tagħhom; ***billi dan id-dritt ta' petizzjoni jrid jippromwovi wkoll prinċipji fundamentali bħall-amministrazzjoni tajba tal-istituzzjonijiet Ewropej, il-libertà tal-espressjoni u r-rispett għall-espressjoni demokratika;***

Or. fr

Emenda 6
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika li tkun residenti jew li jkollha uffiċċju reġistrat fi Stat Membru ***u li tkun affettwata direttament minn*** kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma tal-attività tal-UE;	F. billi l-kriterji għall-ammissibbiltà tal-petizzjonijiet huma stabbiliti fl-Artikolu 227 tat-TFUE u fl-Artikolu 232(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, u dawn jirrikjedu li l-petizzjonijiet jitressqu minn ċittadin tal-UE jew minn persuna fiżika jew ġuridika***, jew individwalment inkella f'assoċjazzjoni ma' oħrajn,*** li tkun residenti jew li jkollha uffiċċju reġistrat fi Stat Membru***, dwar*** kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma tal-attività tal-UE ***u li jaffettwaw lill-petizzjonanti b'mod dirett, b'interpretazzjoni wiesgħa ħafna ta' din l-aħħar kundizzjoni***;

Or. en

Emenda 7
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi, mill-1 518-il petizzjoni mressqa fl-2024, 611 ġew iddikjarati inammissibbli u 31 ġew irtirati; billi l-perċentwal għoli u li qed jiżdied ta' petizzjonijiet inammissibbli fl-2024 (40,25 %) jikkonferma li għad hemm nuqqas mifrux ta' fehim dwar l-ambitu tal-oqsma tar-responsabbiltà tal-UE; billi sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli, għad iridu jsiru sforzi biex jiġi ċċarat aktar l-ambitu tal-oqsma tal-attività tal-UE;	G. billi, mill-1 518-il petizzjoni mressqa fl-2024, 611 ġew iddikjarati inammissibbli u 31 ġew irtirati; billi l-perċentwal għoli u li qed jiżdied ta' petizzjonijiet inammissibbli fl-2024 (40,25 %) jikkonferma li għad hemm nuqqas mifrux ta' fehim dwar l-ambitu tal-oqsma tar-responsabbiltà tal-UE; billi sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli, għad iridu jsiru sforzi biex jiġi ċċarat aktar l-ambitu tal-oqsma tal-attività tal-UE***, fi żmien meta l-Kummissjoni qed tkompli żżid il-prerogattivi tagħha lil hinn minn dak li huwa awtorizzat mit-Trattati***;

Or. fr

Emenda 8
Pál Szekeres, Jean-Paul Garraud, Sebastian Kruis, Virginie Joron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, li joffri liċ-ċittadini u lir-residenti mekkaniżmu miftuħ, demokratiku u trasparenti biex jindirizzaw direttament lir-rappreżentanti eletti tagħhom; billi din l-għodda essenzjali tagħti s-setgħa liċ-ċittadini li jipparteċipaw b'mod attiv u effettiv fil-ħajja tal-Unjoni; billi permezz tal-petizzjonijiet, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jilmentaw dwar każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u jgħinu biex jiġi identifikat ksur tad-dritt tal-UE;	H. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, li joffri liċ-ċittadini u lir-residenti mekkaniżmu miftuħ, demokratiku u trasparenti biex jindirizzaw direttament lir-rappreżentanti eletti tagħhom***; billi ħafna persuni b'diżabbiltà jesperjenzaw nuqqas ta' aċċess ugwali għall-informazzjoni u għall-komunikazzjoni minħabba d-disponibbiltà limitata ta' formati aċċessibbli u minħabba l-fatt li l-lingwi tas-sinjali nazzjonali mhumiex rikonoxxuti bħala parti mill-multilingwiżmu tal-UE***; billi din l-għodda essenzjali tagħti s-setgħa liċ-ċittadini li jipparteċipaw b'mod attiv u effettiv fil-ħajja tal-Unjoni; billi permezz tal-petizzjonijiet, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jilmentaw dwar każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u jgħinu biex jiġi identifikat ksur tad-dritt tal-UE;

Or. en

Emenda 9
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, li joffri liċ-ċittadini u lir-residenti mekkaniżmu miftuħ, demokratiku u trasparenti biex jindirizzaw direttament lir-rappreżentanti eletti tagħhom; billi din l-għodda essenzjali	H. billi d-dritt li titressaq petizzjoni quddiem il-Parlament huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, li joffri liċ-ċittadini u lir-residenti mekkaniżmu miftuħ, demokratiku u trasparenti biex jindirizzaw direttament lir-rappreżentanti

tagħti s-setgħa liċ-ċittadini li jipparteċipaw b'mod attiv u effettiv fil-ħajja tal-Unjoni; billi permezz tal-petizzjonijiet, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jilmentaw dwar każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u jgħinu biex jiġi identifikat ksur tad-dritt tal-UE;	eletti tagħhom;billi din l-għodda essenzjali tagħti s-setgħa liċ-ċittadini li jipparteċipaw b'mod attiv u effettiv fil-ħajja tal-Unjoni; billi permezz tal-petizzjonijiet, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jilmentaw dwar każijiet ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u jgħinu biex jiġi identifikat ksur tad-dritt tal-UE***,*** ***f'konformità mas-sovranità tal-Istati Membri u l-applikazzjoni tat-Trattati Ewropej***;

Or. fr

Emenda 10
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-Parlament ilu fuq quddiem nett tal-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u għandu l-aktar proċess tal-petizzjonijiet miftuħ u trasparenti fl-Ewropa, li jippermetti lill-petizzjonanti jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet tiegħu;	I. billi l-Parlament ilu fuq quddiem nett tal-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u għandu l-aktar proċess tal-petizzjonijiet miftuħ u trasparenti fl-Ewropa, li jippermetti lill-petizzjonanti jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet tiegħu; ***billi l-pjattaforma online tal-petizzjonijiet tista' ssir aktar intuwittiva sabiex ikun aktar faċli għall-utenti li jinnavigawha; billi l-inkorporazzjoni tal-IA tista' tissimplifika r-riċerka u ttejjeb l-aċċessibbiltà tal-petizzjonijiet billi toffri funzjonalitajiet aktar avvanzati minn dawk offruti mill-format attwali;***

Or. fr

Emenda 11
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-Parlament ilu fuq quddiem nett tal-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u ***għandu*** l-aktar proċess tal-petizzjonijiet miftuħ u trasparenti fl-Ewropa, li jippermetti lill-petizzjonanti jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet tiegħu;	I. billi l-Parlament ilu ***jipprova jibqa'*** fuq quddiem nett tal-iżvilupp tal-proċess tal-petizzjonijiet fuq livell internazzjonali u ***ħadem sabiex iżomm*** l-aktar proċess tal-petizzjonijiet miftuħ u trasparenti fl-Ewropa, li jippermetti lill-petizzjonanti jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet tiegħu; ***madankollu, żviluppi reċenti wrew li dawn l-isforzi ma rnexxilhomx jiżguraw bis-sħiħ parteċipazzjoni sinifikanti;***

Or. en

Emenda 12
Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-Kumitat jissottolinja l-importanza ta' aktar trasparenza fit-trattament tal-petizzjonijiet, inkluż feedback sistematiku lill-petizzjonanti fi stadji ewlenin tal-proċedura u skeda ta' żmien ċara għal azzjonijiet ta' segwitu mill-istituzzjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 13
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma bbażati fuq l-input tal-petizzjonanti ***u*** l-informazzjoni li jipprovdu; billi ***din l-informazzjoni*** flimkien mal-għarfien espert offrut mill-	J. billi l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet huma bbażati fuq l-input tal-petizzjonanti ***li l-petizzjonijiet tagħhom ma ngħalqux immedjatament u fuq*** l-informazzjoni ***u l-opinjonijiet*** li jipprovdu;

Kummissjoni, mill-Istati Membri u minn korpi oħra huma essenzjali għall-ħidma tal-Kumitat ***għall-Petizzjonijiet***; billi l-petizzjonijiet ammissibbli spiss ***jipprovdu input li huwa*** siewi għall-ħidma tal-kumitati parlamentari l-oħra; billi, għalhekk, il-petizzjonijiet jista' jkollhom ukoll rwol fil-proċess leġiżlattiv**,** billi jipprovdu feedback konkret dwar l-impatt tal-politiki tal-UE u ***jippermettu*** politiki ***biex jiġu indirizzati*** ħtiġijiet emerġenti;	billi ***dan l-input,*** flimkien mal-għarfien espert offrut mill-Kummissjoni, mill-Istati Membri u minn korpi oħra huma essenzjali għall-ħidma tal-Kumitat; billi l-petizzjonijiet ammissibbli ***li jitħallew isegwu l-proċedura*** spiss ***jikkontribwixxu għarfien*** siewi għall-ħidma tal-kumitati parlamentari l-oħra***; billi, b'kuntrast ma' dan, il-petizzjonijiet li jingħalqu immedjatament huma esklużi minn dan il-proċess u mill-possibbiltà li jinfurmaw il-politika***; billi, għalhekk, il-petizzjonijiet jista' jkollhom ukoll rwol fil-proċess leġiżlattiv billi jipprovdu feedback konkret dwar l-impatt tal-politiki tal-UE u ***jappoġġjaw l-iżvilupp ta'*** politiki ***li jindirizzaw*** ħtiġijiet emerġenti;
	Or. en

Emenda 14
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi d-dritt ta' petizzjoni jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tal-Parlament għall-ilmenti u t-tħassib relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mad-dritt ltal-Unjoni fl-Istati Membri; billi l-petizzjonijiet ***huma għalhekk*** sors utli ta' informazzjoni dwar istanzi ta' applikazzjoni ħażina jew ta' ksur tad-dritt tal-UE u jippermettu lill-Parlament u lill-istituzzjonijiet l-oħra jivvalutaw it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u l-impatt tiegħu fuq id-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE;	K. billi d-dritt ta' petizzjoni jsaħħaħ il-kapaċità ta' rispons tal-Parlament għall-ilmenti u t-tħassib relatati mar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-UE u l-konformità mad-dritt ltal-Unjoni fl-Istati Membri; billi l-petizzjonijiet ***jistgħu jkunu*** sors utli ta' informazzjoni dwar istanzi ta' applikazzjoni ħażina jew ta' ksur tad-dritt tal-UE u jippermettu lill-Parlament u lill-istituzzjonijiet l-oħra jivvalutaw it-traspożizzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u l-impatt tiegħu fuq id-drittijiet taċ-ċittadini u r-residenti tal-UE;
	Or. en

Emenda 15

Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Virginie Joron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti; billi l-petizzjonanti kollha għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa użata fil-petizzjoni;	L. billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti; billi l-petizzjonanti kollha għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa użata fil-petizzjoni; ***billi l-petizzjoni 1056/2016 diskussa fid-19 ta' Marzu 2024 qed titlob lill-Parlament Ewropew jippermetti t-tressiq ta' petizzjonijiet f'lingwi tas-sinjali nazzjonali użati fl-UE;***

Or. en

Emenda 16
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. ***billi kull petizzjoni tiġi kkunsidrata u eżaminata bir-reqqa, b'mod effiċjenti u trasparenti;*** billi l-petizzjonanti kollha għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa użata fil-petizzjoni;	L. billi l-petizzjonanti kollha għandhom id-dritt li jirċievu tweġiba li tinfurmahom bid-deċiżjoni dwar l-ammissibbiltà u l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-kumitat fi żmien raġonevoli u bil-lingwa tagħhom stess jew bil-lingwa użata fil-petizzjoni;

Or. en

Emenda 17
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti l-akbar importanza lill-eżami u lid-diskussjoni pubblika tal-petizzjonijiet fil-laqgħat tiegħu; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom u spiss jitkellmu waqt id-diskussjoni, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħidma tal-kumitat; billi fl-2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza 8 laqgħat tal-kumitat, minbarra l-laqgħa kostituttiva tiegħu, li fihom ġew diskussi 106 petizzjoni b'106 petizzjonant preżenti u b'parteċipazzjoni attiva billi intervjenew fil-laqgħa;	M. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti l-akbar importanza lill-eżami u lid-diskussjoni pubblika tal-petizzjonijiet fil-laqgħat tiegħu; billi l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom u spiss jitkellmu waqt id-diskussjoni, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod attiv għall-ħidma tal-kumitat; billi fl-2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet organizza 8 laqgħat tal-kumitat, minbarra l-laqgħa kostituttiva tiegħu, li fihom ġew diskussi 106 petizzjoni b'106 petizzjonant preżenti u b'parteċipazzjoni attiva billi intervjenew fil-laqgħa; ***billi, madankollu, ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar għall-petizzjonanti għadu estremament rari u huwa soġġett għal proċeduri burokratiċi kumplessi u ta' piż, li jistgħu jfixklu l-aċċess ugwali għall-parteċipazzjoni; billi ġie rrapportat li t-total ta' petizzjonanti preżenti fl-2024 fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet kien ta' 120; billi 6 petizzjonanti biss ingħataw rimborż;***

Or. en

Emenda 18
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi s-suġġetti ewlenin ta' tħassib li tqajmu fil-petizzjonijiet imressqa fl-2024 kienu relatati mal-ambjent, id-drittijiet fundamentali, is-suq intern, il-ġustizzja, id-drittijiet tal-konsumatur u s-saħħa;	N. billi s-suġġetti ewlenin ta' tħassib li tqajmu fil-petizzjonijiet imressqa fl-2024 kienu relatati mal-ambjent, id-drittijiet fundamentali ***(inkluż d-dritt għal amministrazzjoni tajba, id-dritt għal aċċess għad-dokumenti, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni)***, is-suq intern, il-ġustizzja, id-drittijiet tal-

konsumatur u s-saħħa;

Or. fr

Emenda 19
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi s-suġġetti ewlenin ta' tħassib li tqajmu fil-petizzjonijiet imressqa fl-2024 kienu relatati mal-ambjent, id-drittijiet fundamentali, is-suq intern, il-ġustizzja, id-drittijiet tal-konsumatur u s-saħħa;	N. billi s-suġġetti ewlenin ta' tħassib li tqajmu fil-petizzjonijiet imressqa fl-2024 kienu relatati ***mad-dritt għal aċċess għad-dokumenti,*** mal-ambjent, id-drittijiet fundamentali, is-suq intern, il-ġustizzja, id-drittijiet tal-konsumatur u s-saħħa;

Or. en

Emenda 20
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi s-suġġetti ewlenin ta' tħassib li tqajmu fil-petizzjonijiet imressqa fl-2024 kienu relatati mal-ambjent, id-drittijiet fundamentali, is-suq intern, il-ġustizzja, id-drittijiet tal-konsumatur u s-saħħa;	N. billi s-suġġetti ewlenin ta' tħassib li tqajmu fil-petizzjonijiet imressqa fl-2024 kienu relatati mal-ambjent, id-drittijiet fundamentali, ***l-istat tad-dritt,*** is-suq intern, il-ġustizzja, id-drittijiet tal-konsumatur u s-saħħa;

Or. es

Emenda 21
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Na (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Na. billi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ittratta l-istatus protett tal-ilpup fl-UE, filwaqt li vvaluta d-data u l-informazzjoni wara s-sottomissjoni ta' petizzjoni li fiha l-petizzjonant ilmenta kontra l-azzjoni ppjanata tal-Kummissjoni mmirata lejn it-tnaqqis fil-grad tal-istatus protett tal-ilpup fl-UE, filwaqt li kkritika l-allegata influwenza tal-lobby tal-kaċċaturi;

Or. en

Emenda 22
Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi meta jadotta l-aġenda tal-laqgħat tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti attenzjoni lill-petizzjonijiet u lis-suġġetti b'livell għoli ta' rilevanza għad-diskussjoni fil-livell tal-UE u lill-ħtieġa li tinżamm kopertura ġeografika bbilanċjata tas-suġġetti skont il-petizzjonijiet riċevuti;	O. billi meta jadotta l-aġenda tal-laqgħat tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti attenzjoni lill-petizzjonijiet u lis-suġġetti b'livell għoli ta' rilevanza għad-diskussjoni fil-livell tal-UE u lill-ħtieġa li tinżamm kopertura ġeografika bbilanċjata tas-suġġetti skont il-petizzjonijiet riċevuti; ***billi t-tħassib relatat mal-migrazzjoni u l-gwerra fl-Ukrajna u l-appoġġ finanzjarju tagħha pprovdut mill-UE kienu suġġetti bi grad għoli ta' rilevanza fl-2024;***

Or. en

Emenda 23
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi meta jadotta l-aġenda tal-	O. billi meta jadotta l-aġenda tal-

laqgħat tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti attenzjoni lill-petizzjonijiet u lis-suġġetti b'livell għoli ta' rilevanza għad-diskussjoni fil-livell tal-UE ***u lill-ħtieġa li tinżamm kopertura ġeografika bbilanċjata tas-suġġetti skont il-petizzjonijiet riċevuti***;	laqgħat tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti attenzjoni lill-petizzjonijiet u lis-suġġetti b'livell għoli ta' rilevanza għad-diskussjoni fil-livell tal-UE;

Or. es

Emenda 24
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi meta jadotta l-aġenda tal-laqgħat tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jagħti attenzjoni lill-petizzjonijiet u lis-suġġetti b'livell għoli ta' rilevanza għad-diskussjoni fil-livell tal-UE u lill-ħtieġa li tinżamm kopertura ġeografika bbilanċjata tas-suġġetti skont il-petizzjonijiet riċevuti;	O. billi meta jadotta l-aġenda tal-laqgħat tiegħu, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***għandu*** jagħti attenzjoni lill-petizzjonijiet u lis-suġġetti b'livell għoli ta' rilevanza għad-diskussjoni fil-livell tal-UE u lill-ħtieġa li tinżamm kopertura ġeografika bbilanċjata tas-suġġetti skont il-petizzjonijiet riċevuti;

Or. en

Emenda 25
Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Virginie Joron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi fl-2024 ma saret l-ebda żjara ta' tiftix tal-fatti għal petizzjonijiet li għalihom kienet għaddejja inkjesta, minħabba l-perjodu ta' waqfa minħabba l-elezzjoni Ewropea; billi l-kumitat wettaq il-valutazzjoni ta' segwitu u adotta żewġ rapporti dwar żjara preċedenti ta' tiftix tal-fatti li saret fl-2023; billi għadd ta' żjarat ta' tiftix tal-fatti kienu skedati għall-ewwel	R. billi fl-2024 ma saret l-ebda żjara ta' tiftix tal-fatti għal petizzjonijiet li għalihom kienet għaddejja inkjesta, minħabba l-perjodu ta' waqfa minħabba l-elezzjoni Ewropea; billi l-kumitat wettaq il-valutazzjoni ta' segwitu u adotta żewġ rapporti dwar żjara preċedenti ta' tiftix tal-fatti li saret fl-2023; billi għadd ta' żjarat ta' tiftix tal-fatti kienu skedati għall-ewwel

nofs tal-2025;	nofs tal-2025; ***billi fil-laqgħa tiegħu ta' Jannar, il-Kumitat PETI ddiskuta l-istudju bit-titolu "Linguistic and cultural diversity – Minority and minoritised languages as part of European linguistic and cultural diversity" (Id-diversità lingwistika u kulturali – Il-lingwi minoritarji u minoritizzati bħala parti mid-diversità lingwistika u kulturali Ewropea), ikkummissjonat mid-Dipartiment tal-Politika għad-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament Ewropew fuq talba tal-Kumitat PETI;***

Or. en

Emenda 26
Kosma Złotowski, Ivaylo Valchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi fl-2024 ma saret l-ebda żjara ta' tiftix tal-fatti għal petizzjonijiet li għalihom kienet għaddejja inkjesta, minħabba l-perjodu ta' waqfa minħabba l-elezzjoni Ewropea; billi l-kumitat wettaq il-valutazzjoni ta' segwitu u adotta żewġ rapporti dwar ***żjara*** preċedenti ta' tiftix tal-fatti li ***saret*** fl-2023; billi ***għadd ta'*** żjarat ta' tiftix tal-fatti kienu skedati għall-ewwel nofs tal-2025;	R. billi fl-2024 ma saret l-ebda żjara ta' tiftix tal-fatti għal petizzjonijiet li għalihom kienet għaddejja inkjesta, minħabba l-perjodu ta' waqfa minħabba l-elezzjoni Ewropea; billi l-kumitat wettaq il-valutazzjoni ta' segwitu u adotta żewġ rapporti dwar ***żjarat*** preċedenti ta' tiftix tal-fatti li ***saru*** fl-2023; billi ***żewġ*** żjarat ta' tiftix tal-fatti kienu skedati għall-ewwel nofs tal-2025;

Or. en

Emenda 27
Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1. Ifakkar ir-rwol fundamentali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-protezzjoni u fil-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE billi jiżgura li t-tħassib u l-ilmenti tal-petizzjonanti jiġu eżaminati f'waqthom, b'mod effettiv u xieraq u li l-petizzjonanti jiġu infurmati dwar l-azzjonijiet meħuda u l-progress li jkun sar fil-petizzjonijiet tagħhom; ifakkar li l-petizzjonijiet kollha jiġu trattati permezz ta' proċess ta' petizzjoni miftuħ, demokratiku u trasparenti;	1. Ifakkar ir-rwol fundamentali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-protezzjoni u fil-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE billi jiżgura li t-tħassib u l-ilmenti tal-petizzjonanti jiġu eżaminati f'waqthom, b'mod effettiv u xieraq u li l-petizzjonanti jiġu infurmati dwar l-azzjonijiet meħuda u l-progress li jkun sar fil-petizzjonijiet tagħhom; ifakkar li l-petizzjonijiet kollha jiġu trattati permezz ta' proċess ta' petizzjoni miftuħ, demokratiku u trasparenti; ***jirrakkomanda li jiġu riveduti l-proċeduri interni biex jiġi żgurat li petizzjonijiet simili jew ripetuti jiġu raggruppati u ttrattati b'mod aktar effiċjenti, filwaqt li jiġi ssalvagwardjat id-dritt ta' kull petizzjonant li jinstema' individwalment;***
	Or. en

Emenda 28
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar ir-rwol fundamentali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-protezzjoni u fil-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE ***billi*** jiżgura li t-tħassib u l-ilmenti tal-petizzjonanti jiġu eżaminati f'waqthom, b'mod effettiv u xieraq u li l-petizzjonanti jiġu infurmati dwar l-azzjonijiet meħuda u l-progress li jkun sar fil-petizzjonijiet tagħhom; ifakkar li l-petizzjonijiet ***kollha*** jiġu trattati permezz ta' proċess ta' petizzjoni miftuħ, demokratiku u trasparenti;	1. Ifakkar ir-rwol fundamentali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-protezzjoni u fil-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE***, u jisħaq fuq il-punt li jeħtiġlu*** jiżgura li t-tħassib u l-ilmenti tal-petizzjonanti jiġu eżaminati f'waqthom, b'mod effettiv u xieraq u li l-petizzjonanti jiġu infurmati ***kif xieraq*** dwar l-azzjonijiet meħuda u l-progress li jkun sar fil-petizzjonijiet tagħhom; ***jiddispjaċih, madankollu, li dan mhuwiex dejjem il-każ fil-prattika;*** ifakkar li l-petizzjonijiet ***iridu*** jiġu trattati permezz ta' proċess ta' petizzjoni miftuħ, demokratiku u trasparenti***, li l-Kumitat huwa mistenni li jirrispetta b'mod konsistenti***;
	Or. en

Emenda 29
Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Virginie Joron, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Ifakkar ir-rwol fundamentali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-protezzjoni u fil-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE billi jiżgura li t-tħassib u l-ilmenti tal-petizzjonanti jiġu eżaminati f'waqthom, b'mod effettiv u xieraq u li l-petizzjonanti jiġu infurmati dwar l-azzjonijiet meħuda u l-progress li jkun sar fil-petizzjonijiet tagħhom; ifakkar li l-petizzjonijiet kollha jiġu trattati permezz ta' proċess ta' petizzjoni miftuħ, demokratiku u trasparenti;	1. Ifakkar ir-rwol fundamentali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-protezzjoni u fil-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE billi jiżgura li t-tħassib u l-ilmenti tal-petizzjonanti jiġu eżaminati f'waqthom, b'mod effettiv***, aċċessibbli*** u xieraq u li l-petizzjonanti jiġu infurmati dwar l-azzjonijiet meħuda u l-progress li jkun sar fil-petizzjonijiet tagħhom; ifakkar li l-petizzjonijiet kollha jiġu trattati permezz ta' proċess ta' petizzjoni miftuħ, demokratiku u trasparenti;

Or. en

Emenda 30
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jiddispjaċih li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jiddeċiedi li jagħlaq il-biċċa l-kbira tal-petizzjonijiet riċevuti mingħajr ma jagħti ebda segwitu, u ma jibqax jippermetti li dawn jitneħħew b'mod awtomatiku mill-punti tal-lista B meta toħroġ informazzjoni ġdida; jinnota li din il-prattika ma tħalli lill-petizzjonanti bl-ebda għażla oħra għajr li jsegwu proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji biex jindirizzaw il-ksur tad-dritt tal-UE, u b'hekk timmina l-objettivi u l-effiċjenza tal-Kumitat;

Or. en

Emenda 31
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Japprezza lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-aderenza konsistenti tiegħu mal-prinċipji demokratiċi u l-impenn tiegħu li jirrispetta d-drittijiet tal-Membri kollha tal-Parlament Ewropew, irrispettivament mill-affiljazzjoni politika tagħhom; jissottolinja li tali imparzjalità ssaħħaħ il-kredibbiltà u l-kooperazzjoni tal-proċess tal-petizzjonijiet, filwaqt li tikkontribwixxi għall-fiduċja taċ-ċittadini fil-qafas istituzzjonali tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 32
Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma ta' attività tal-Unjoni mmirat biex jinforma liċ-ċittadini dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli; itenni s-sejħa tiegħu, f'dan ir-rigward, għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa' permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni tal-UE eżistenti fl-Unjoni, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt ta' petizzjoni tagħhom, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE	2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma ta' attività tal-Unjoni mmirat biex jinforma liċ-ċittadini dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli; itenni s-sejħa tiegħu, f'dan ir-rigward, għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa' permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni tal-UE eżistenti fl-Unjoni, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt ta' petizzjoni tagħhom, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE

u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; ***jappella għal komunikazzjoni aktar ċara u mingħajr l-użu ta' lingwaġġ tekniku lill-petizzjonanti u spjegazzjoni aħjar tar-rwol u l-limiti tal-Kumitat PETI lill-pubbliku, b'mod partikolari għall-utenti vulnerabbli jew għal dawk li qed japplikaw l-ewwel darba;***

Or. en

Emenda 33
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma ta' attività tal-Unjoni mmirat biex jinforma liċ-ċittadini dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli; itenni s-sejħa tiegħu, f'dan ir-rigward, għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa' permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni tal-UE eżistenti fl-Unjoni, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt ta' petizzjoni tagħhom, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;	2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma ta' attività tal-Unjoni mmirat biex jinforma liċ-ċittadini dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli; itenni s-sejħa tiegħu, f'dan ir-rigward, għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa' permezz tal-involviment attiv tas-servizzi tal-komunikazzjoni tal-UE eżistenti fl-Unjoni, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt ta' petizzjoni tagħhom, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kampanji ta' informazzjoni dwar id-dritt ta' petizzjoni mmirati b'mod partikolari lejn reġjuni iżolati u insulari, kif ukoll lejn gruppi marġinalizzati ta' ċittadini, sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini;***

Or. el

Emenda 34
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma ta' attività tal-Unjoni mmirat biex jinforma liċ-ċittadini dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli; itenni s-sejħa tiegħu, f'dan ir-rigward, għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa' permezz tal-involviment ***attiv*** tas-servizzi tal-komunikazzjoni tal-UE eżistenti fl-Unjoni, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt ta' petizzjoni tagħhom, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;	2. Itenni l-importanza ta' dibattitu pubbliku kontinwu dwar l-oqsma ta' attività tal-Unjoni mmirat biex jinforma liċ-ċittadini dwar l-ambitu tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-livelli differenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet, sabiex jitnaqqas l-għadd ta' petizzjonijiet inammissibbli; itenni s-sejħa tiegħu, f'dan ir-rigward, għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni usa' permezz tal-involviment ***biss*** tas-servizzi tal-komunikazzjoni tal-UE eżistenti fl-Unjoni***, mingħajr ma jiġu ġġenerati spejjeż żejda***, biex jgħinu jżidu l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt ta' petizzjoni tagħhom, kif ukoll l-ambitu tar-responsabbiltajiet tal-UE u l-kompetenzi tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet;

Or. fr

Emenda 35
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Iheġġeġ lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet jippromwovi b'mod attiv "Strateġija ta' Sensibilizzazzjoni dwar id-Dritt ta' Petizzjoni", b'enfasi fuq l-għoti tas-setgħa lin-nisa u lill-komunitajiet sottorappreżentati, lill-popolazzjonijiet rurali, u liż-żgħażagħ, bl-użu ta' għodod diġitali, skejjel, u pjattaformi komunitarji; jitlob li jsiru sessjonijiet ta' ħidma regolari fl-Istati Membri f'kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali u s-soċjetà ċivili;

Or. en

Emenda 36
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jiddispjaċih li d-dibattitu pubbliku dwar il-petizzjonijiet huwa ta' spiss influwenzat mill-interessi nazzjonali partiġġjani, u dan jipprevjeni li l-petizzjonijiet ġenwini taċ-ċittadini jinstemgħu kif xieraq fil-Kumitat u jimmina t-trasparenza u l-imparzjalità li l-Kumitat huwa meħtieġ li jirrispetta;

Or. en

Emenda 37
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2c. Jiddispjaċih li l-petizzjonijiet imressqa miċ-ċittadini tal-UE dwar l-allegat ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tal-kunflitt f'Gaża u fl-Ukrajna ġew iddikjarati inammissibbli; jissottolinja li d-dritt ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew iservi bħala strument demokratiku ewlieni għaċ-ċittadini biex iqajmu tħassib dwar l-azzjoni esterna tal-UE u r-rispett għad-dritt internazzjonali; jisħaq li r-riffut ta' tali petizzjonijiet mingħajr eżami ulterjuri jirriskja li jimmina l-fiduċja taċ-ċittadini fl-impenn tal-Unjoni għad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

Or. en

Emenda 38
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Ifakkar fid-dimensjoni Ewropea tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li tista' tiġi indirizzata miċ-ċittadini mis-27 Stat Membru kollha dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati tal-UE u tad-dritt tal-UE; jemmen li l-Kumitat għandu responsabbiltà speċjali li jirrispetta din id-dimensjoni Ewropea u li juri l-valur miżjud tal-għaqda u tal-integrazzjoni Ewropej għaċ-ċittadini;	***imħassar***

Or. es

Emenda 39
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Ifakkar fid-dimensjoni Ewropea tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li tista' tiġi indirizzata miċ-ċittadini mis-27 Stat Membru kollha dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati tal-UE u tad-dritt tal-UE; jemmen li l-Kumitat għandu responsabbiltà speċjali li jirrispetta din id-dimensjoni Ewropea u li juri l-valur miżjud tal-għaqda u tal-integrazzjoni Ewropej għaċ-ċittadini;	3. Ifakkar fid-dimensjoni Ewropea tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li tista' tiġi indirizzata miċ-ċittadini mis-27 Stat Membru kollha dwar kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati tal-UE u tad-dritt tal-UE; jemmen li l-Kumitat***,*** ***billi jirrispetta s-sovranità u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali,*** għandu responsabbiltà speċjali li jirrispetta din id-dimensjoni Ewropea u li juri l-valur miżjud tal-għaqda u tal-integrazzjoni Ewropej għaċ-ċittadini;

Or. fr

Emenda 40
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jisħaq fuq ir-responsabbiltà tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jirrispetta l-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; jiddispjaċih dwar l-għadd baxx ħafna ta' petizzjonijiet li waslu għand il-Kumitat li jindirizzaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, it-twelid, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali; jisħaq ukoll li madwar 50 miljun mara ta' bejn it-18-il sena u l-74 sena fl-UE esperjenzaw vjolenza fiżika (inkluż theddid) jew vjolenza sesswali fil-ħajja adulta;

Or. en

Emenda 41
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-petizzjonijiet jikkostitwixxu opportunità unika għall-Parlament u għal istituzzjonijiet oħra tal-UE biex jingħaqdu b'mod dirett maċ-ċittadini tal-UE u jżommu djalogu regolari magħhom, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu affettwati mill-applikazzjoni ħażina jew mill-ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni	4. Jirrimarka li l-petizzjonijiet jikkostitwixxu opportunità unika għall-Parlament u għal istituzzjonijiet oħra tal-UE biex jingħaqdu b'mod dirett maċ-ċittadini tal-UE u jżommu djalogu regolari magħhom, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu affettwati mill-applikazzjoni ħażina jew mill-ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni

tad-dritt tal-UE u l-konformità miegħu; jemmen li tali kooperazzjoni hija kruċjali biex jiġi indirizzat u solvut it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u li hija tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u tal-obbligu ta' rendikont tal-Unjoni; jappella***, għalhekk,*** għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-kumitat ***u tweġibiet aktar f'waqthom u dettaljati għal talbiet biex tingħata kjarifika jew informazzjoni mibgħuta mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali***;	tad-dritt tal-UE u l-konformità miegħu; jemmen li tali kooperazzjoni hija kruċjali biex jiġi indirizzat u solvut it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u li hija tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u tal-obbligu ta' rendikont tal-Unjoni; jappella għall-parteċipazzjoni ***obbligatorja u regolari*** tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-kumitat ***li jinvolvu l-ġuriżdizzjoni tagħhom, b'konsegwenzi għal assenzi ripetuti, biex jiġi żgurat segwitu xieraq għat-tħassib tal-petizzjonanti***;
	Or. en

Emenda 42
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrimarka li l-petizzjonijiet jikkostitwixxu opportunità unika għall-Parlament u għal istituzzjonijiet oħra tal-UE biex jingħaqdu b'mod dirett maċ-ċittadini tal-UE u jżommu djalogu regolari magħhom, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu affettwati mill-applikazzjoni ħażina jew mill-ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u l-konformità miegħu; jemmen li tali kooperazzjoni hija kruċjali biex jiġi indirizzat u solvut it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u li hija tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u tal-obbligu ta' rendikont tal-Unjoni; jappella, għalhekk, għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-kumitat u tweġibiet aktar f'waqthom u dettaljati għal talbiet biex tingħata kjarifika jew	4. Jirrimarka li l-petizzjonijiet jikkostitwixxu opportunità unika għall-Parlament u għal istituzzjonijiet oħra tal-UE biex jingħaqdu b'mod dirett maċ-ċittadini tal-UE u jżommu djalogu regolari magħhom, b'mod partikolari f'każijiet fejn ikunu affettwati mill-applikazzjoni ħażina jew mill-ksur tad-dritt tal-UE; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali dwar l-inkjesti li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u l-konformità miegħu; jemmen li tali kooperazzjoni hija kruċjali biex jiġi indirizzat u solvut it-tħassib taċ-ċittadini dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u li hija tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-leġittimità demokratika u tal-obbligu ta' rendikont tal-Unjoni; jappella, għalhekk, għall-parteċipazzjoni ***volontarja u mhux obligatorja*** tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-laqgħat tal-kumitat u tweġibiet aktar f'waqthom u dettaljati għal talbiet

informazzjoni mibgħuta mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali;	biex tingħata kjarifika jew informazzjoni mibgħuta mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-awtoritajiet nazzjonali;

Or. fr

Emenda 43
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jenfasizza li l-petizzjonanti għandhom id-dritt li jiġu infurmati b'mod trasparenti dwar ir-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għar-rimborż tal-ispejjeż biex jattendu personalment għal-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet; ifakkar li l-parteċipazzjoni tal-petizzjonanti fil-laqgħat tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet hija rregolata mill-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Bureau tal-24 ta' Ġunju 2024 li tistabbilixxi regoli dwar is-seduti ta' smigħ pubbliċi u tiddikjara li l-uniku rekwiżit għall-petizzjonant huwa li l-post tal-oriġini tagħhom ikun jinsab fl-Unjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li għadd ta' petizzjonanti ntalbu jipprovdu informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom bħala kundizzjoni biex ikunu jistgħu jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom lill-Kumitat u jiġu rimborżati; itenni kemm hu importanti li jintlaħqu l-aspettattivi tal-petizzjonanti rigward it-trattament ugwali tagħhom u l-protezzjoni tad-dritt tagħhom li jippreżentaw il-petizzjonijiet tagħhom lill-Kumitat u li jiġu rimborżati għall-ispejjeż skont it-termini tal-Artikolu 9 hawn fuq irrispettivament mis-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom, b'rispett għar-regoli applikabbli, inkluż in-nondivulgazzjoni ta' data personali sensittiva mingħajr bażi legali; jisħaq li l-għoti ta' tali assistenza huwa maħsub biex ineħħi ostakli eżistenti, jiżgura t-trasparenza, iżid l-

ekwità, u jiggarantixxi l-eżerċizzju tad-dritt ta' petizzjoni;

Or. en

Emenda 44
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni strutturata bejn il-Kumitat għall-Petizzjonijiet u l-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri, speċjalment mal-korpi parlamentari tagħhom responsabbli għall-petizzjonijiet taċ-ċittadini, sabiex jirrispondu aħjar għat-tħassib taċ-ċittadini u jiżguraw segwitu koordinat għall-kwistjonijiet imqajma fil-petizzjonijiet li jaqgħu taħt kompetenzi kondiviżi;

Or. en

Emenda 45
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Ifakkar li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet irċieva ammont eċċessiv ta' petizzjonijiet relatati ma' attakki fuq l-istat tad-dritt fi Spanja fil-bidu tal-2024; jirrikonoxxi li ċ-ċittadini Spanjoli raw fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet opportunità biex iwaqqfu l-attakki fuq id-dritt fis-seħħ imwettqa mill-gvern Soċjalista u biex iwaqqfu l-ksur tad-drittijiet; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' azzjoni ċara u diretta mill-Kummissjoni Ewropea b'reazzjoni

għall-għajta mill-poplu kontra l-azzjonijiet illegali tal-Gvern Spanjol;

Or. es

Emenda 46
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jilqa' d-dibattitu konġunt ta' mhux aktar minn 8 petizzjonijiet li sar f'Jannar 2024 dwar id-deterjorament tal-istat tad-dritt fi Spanja bħala riżultat tal-intenzjoni tal-gvern ta' Pedro Sánchez li japprova amnestija illegali bi ksur kemm tad-dritt Spanjol kif ukoll tad-dritt tal-UE, unikament sabiex iżomm il-pożizzjoni tiegħu bħala Prim Ministru bi skambju għall-voti tal-minoranzi separatisti fl-investitura tiegħu;

Or. es

Emenda 47
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni Ewropea mhux se tieħu nota tar-riskju ddenunzjat mill-petizzjonanti li jipparteċipaw fid-dibattitu konġunt li sar f'Jannar 2024 dwar l-attakki fuq l-istat tad-dritt fi Spanja mill-partit soċjalista ta' Pedro Sánchez u mhux se taġixxi kif xieraq biex tipprevjeni l-ksur tad-drittijiet taċ-ċittadini Spanjoli;

Or. es

Emenda 48
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jiġbed l-attenzjoni għan-nuqqas ta' rimedju legali ċar u aċċessibbli għaċ-ċittadini tal-UE li jixtiequ jikkontestaw deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-UE li jaffettwawhom direttament; jappella għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' lment u appell aktar effettiv u faċli għaċ-ċittadini; jisħaq li l-valuri demokratiċi u l-istat tad-dritt iridu jiġu applikati b'mod ugwali għall-Istati Membri u l-atturi politiċi kollha, irrispettivament mill-orjentazzjoni ideoloġika tagħhom;

Or. en

Emenda 49
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Ifaħħar lill-Kumitat PETI talli qies il-Petizzjoni 1168/2023, imressqa minn Mihai Igna, f'isem l-Assoċjazzjoni "Flimkien inkattru l-prosperità" (Impreuna aducem bunastare), dwar talba biex jiġu restitwiti t-teżor nazzjonali u l-arkivji storiċi Rumeni mir-Russja; jenfasizza s-sinifikat storiku profond ta' dan id-dibattitu għall-Istati Membri kollha li storikament intlaqtu mill-atti ta' serq tar-Russja, b'mod partikolari fil-kuntest tal-gwerra li għaddejja fl-Ukrajna, peress li jenfasizza l-isfidi usa' relatati mal-preservazzjoni kulturali u s-salvagwardja tal-wirt nazzjonali fi

żminijiet ta' kunflitt ġeopolitiku; jisħaq li l-involviment tal-Kumitat PETI f'din il-kwistjoni juri l-impenn tiegħu li jirrispetta d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE u tal-Istati Membri, u li jipproteġi l-wirt storiku tar-Rumanija filwaqt li jappoġġja t-talbiet leġittimi tagħha fix-xena internazzjonali; ifakkar fir-riżoluzzjoni sussegwenti, fil-plenarja, dwar ir-restituzzjoni ta' teżor nazzjonali Rumen misruqa illegalment mir-Russja[1a];

[1a] ĠU C, C/2024/6559, 12.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6559/oj.

Or. en

Emenda 50
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi bħala kwistjoni ta' prijorità l-approċċ strateġiku tagħha dwar l-infurzar tad-dritt tal-UE, u b'hekk tippermetti lill-Parlament jisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tad-dritt ta' petizzjoni minqux fit-Trattati tal-UE kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE; jemmen li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura t-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti skambjati bejn is-servizzi tagħha u l-awtoritajiet tal-Istati Membri fil-qafas tal-proċeduri ta' ksur u dawk tal-EU Pilot kif ukoll tnaqqas drastikament iż-żmien li tieħu biex tiddifferixxi l-każijiet ta' ksur quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprovdi ċarezza legali dwar il-kriterji, li jirfdu l-approċċ strateġiku tagħha dwar l-infurzar tad-dritt tal-UE, użati biex tittieħed azzjoni formali kontra l-Istati Membri f'każ ta' ksur tad-dritt tal-UE;

Or. en

Emenda 51
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Ifakkar fl-importanza li jiġu żgurati l-ogħla standards ta' trasparenza fl-azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, speċjalment fid-dawl tat-tħassib reċenti mqajjem mill-Ombudsman Ewropew rigward in-nuqqas ta' aċċess għall-komunikazzjoni bejn il-President tal-Kummissjoni u atturi esterni, inklużi messaġġi testwali ma' kumpaniji farmaċewtiċi; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-aċċess għall-korrispondenza istituzzjonali u ssaħħaħ is-sorveljanza demokratika f'każijiet bħal dawn;

Or. en

Emenda 52
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jappella għal evalwazzjoni indipendenti u perjodika tal-kwalità u ċ-ċarezza tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-petizzjonijiet, b'enfasi partikolari fuq il-leġġibbiltà, ir-rilevanza u s-sensittività għall-kuntesti tal-petizzjonanti, sabiex tiġi żgurata interazzjoni sinifikanti u rispettuż maċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 53
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iqis li hija meħtieġa kooperazzjoni aktar attiva bejn l-Istati Membri u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet biex jiġu żblokkati dawk il-petizzjonijiet li jirrikjedu risponsi u reazzjonijiet fil-pront mill-awtoritajiet nazzjonali;	7. Iqis li hija meħtieġa kooperazzjoni aktar attiva bejn l-Istati Membri u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet ***tista' tkun utli*** biex jiġu żblokkati dawk il-petizzjonijiet li jirrikjedu risponsi u reazzjonijiet fil-pront mill-awtoritajiet nazzjonali;

Or. fr

Emenda 54
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jiddispjaċih li, f'ħafna każijiet, l-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali jonqsu milli jwieġbu l-ittri mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet li jitolbu kjarifiki jew informazzjoni dwar il-petizzjonijiet; jistieden lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet jippubblika regolarment, perežempju darba fis-sena, l-għadd ta' ittri li l-Istati Membri ma jkunux wieġbu u s-suġġetti tal-petizzjonijiet rilevanti;

Or. el

Emenda 55
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7a. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' progress fil-kontroll tal-migrazzjoni fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, li jfisser li ċ-ċittadini li jgħixu f'dawn iż-żoni jbatu direttament mill-konsegwenzi ta' immigrazzjoni illegali massiva u mhux ikkontrollata, kif ilmentaw ir-residenti tal-Gżejjer Kanarji mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'April 2024;

Or. es

Emenda 56
Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mmodernizzati l-għodod diġitali tal-Kumitat PETI, inkluż portal tal-petizzjonijiet multilingwi u faċli għall-utent li jippermetti lill-petizzjonanti jsegwu l-istatus tal-fajl tagħhom f'ħin reali u jaċċessaw aġġornamenti rilevanti;

Or. en

Emenda 57
Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8b. Iħeġġeġ lis-Segretarjat u lis-servizzi rilevanti jesploraw l-użu responsabbli tal-intelliġenza artifiċjali biex itejbu l-kategorizzazzjoni, it-traduzzjoni u l-prijoritizzazzjoni tal-petizzjonijiet, filwaqt li tiġi żgurata konformità sħiħa mal-istandards tal-protezzjoni tad-data u tat-trasparenza;

Or. en

Emenda 58
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li toħloq għodda tal-IT interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Parlament, bil-għan li jiġu kondiviżi l-informazzjoni u d-dokumenti dwar l-azzjonijiet kollha ta' segwitu meħuda rigward il-petizzjonijiet, bħal proċeduri ta' ksur, proposti leġiżlattivi jew tweġibiet mill-awtoritajiet nazzjonali, u b'hekk tissaħħaħ it-trasparenza u l-effiċjenza tat-trattament tal-petizzjonijiet, li, f'kuntest usa', jikkontribwixxi biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE u fil-proġett Ewropew;	9. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li toħloq għodda tal-IT interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Parlament, bil-għan li jiġu kondiviżi l-informazzjoni u d-dokumenti dwar l-azzjonijiet kollha ta' segwitu meħuda rigward il-petizzjonijiet, bħal proċeduri ta' ksur, proposti leġiżlattivi jew tweġibiet mill-awtoritajiet nazzjonali, u b'hekk tissaħħaħ it-trasparenza u l-effiċjenza tat-trattament tal-petizzjonijiet, li, f'kuntest usa', jikkontribwixxi biex tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE u fil-proġett Ewropew***, b'mod partikolari fi żmien meta xi wħud minn dawk li jsostnu li jiddefenduh qed jitolbu dejjem aktar ċensura u saħansitra li jitħassru elezzjonijiet demokratiċi meta r-riżultati ma jkunux adattati għalihom***;

Or. fr

Emenda 59
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li toħloq għodda tal-IT interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Parlament, bil-għan li jiġu kondiviżi l-informazzjoni u d-dokumenti dwar l-azzjonijiet kollha ta' segwitu meħuda rigward il-petizzjonijiet,	9. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li toħloq għodda tal-IT interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni u l-Parlament, bil-għan li jiġu kondiviżi l-informazzjoni u d-dokumenti dwar l-azzjonijiet kollha ta' segwitu meħuda rigward il-petizzjonijiet,

bħal proċeduri ta' ksur, proposti leġiżlattivi jew tweġibiet mill-awtoritajiet nazzjonali, u b'hekk tissaħħaħ it-trasparenza u l-effiċjenza tat-trattament tal-petizzjonijiet, ***li, f'kuntest usa', jikkontribwixxi biex tiżdied il-fiduċja*** taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE u fil-proġett Ewropew;

bħal proċeduri ta' ksur, proposti leġiżlattivi jew tweġibiet mill-awtoritajiet nazzjonali, u b'hekk tissaħħaħ it-trasparenza u l-effiċjenza tat-trattament tal-petizzjonijiet, ***u jħeġġeġ il-varar rapidu u l-aċċessibbiltà pubblika tagħha, inklużi aġġornamenti f'ħin reali u funzjonalità multilingwi, biex b'hekk jissaħħu t-trasparenza, l-effiċjenza, u l-fiduċja*** taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE u fil-proġett Ewropew;

Or. en

Emenda 60
Nils Ušakovs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Ifakkar fl-involviment tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet f'diversi networks intraparlamentari, bħal dawk dwar il-baġit jew l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, u jemmen li l-prossimità unika tal-Kumitat għaċ-ċittadini permezz tal-proċess tal-petizzjonijiet bħala għodda ta' demokrazija parteċipattiva tipprovdi valur miżjud importanti għall-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tat-teħid tal-leġiżlazzjoni tal-Parlament;

Or. en

Emenda 61
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota li l-ambjent baqa' l-qasam ta' tħassib ewlieni għall-	***imħassar***

petizzjonanti fl-2024, b'aktar minn 20 % tal-petizzjonijiet iqajmu kwistjonijiet ambjentali; jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali;

Or. es

Emenda 62
Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jieħu nota li l-ambjent baqa' l-qasam ta' tħassib ewlieni għall-petizzjonanti fl-2024, b'aktar minn 20 % tal-petizzjonijiet iqajmu kwistjonijiet ambjentali; jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali;	12. Jieħu nota li l-ambjent baqa' l-qasam ta' tħassib ewlieni għall-petizzjonanti fl-2024, b'aktar minn 20 % tal-petizzjonijiet iqajmu kwistjonijiet ambjentali; jisħaq fuq l-importanza li jiġu ssodisfati l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE rigward il-protezzjoni tal-ambjent, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam ambjentali; ***jiddispjaċih, madankollu, li minkejja r-rilevanza għolja tat-tħassib relatat mal-gwerra fl-Ukrajna, il-petizzjonijiet 1464/2024 u 1466/2024 ma tqiegħdux fuq l-aġenda tal-Kumitat PETI;***

Or. en

Emenda 63
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

12a. Jiddispjaċih ħafna għall-fatt li l-Kummissjoni kkwotat Rapport tal-Grupp ta' Speċjalisti dwar l-Inizjattiva tal-Karnivori Kbar għall-Ewropa (LCIE) biex tiġġustifika t-tnaqqis fill-protezzjoni tal-lupu fl-UE, għalkemm qabel kienet użat l-istess Rapport bħala bażi biex topponi proposta mmirata lejn l-istess kamp ta' applikazzjoni u minkejja li ma ġiet irreġistrata l-ebda bidla sinifikanti fil-popolazzjonijiet tal-lupu; jinsab imħasseb ħafna li l-istatus protett imnaqqas tal-ilpup fl-UE se jwassal biex idgħajjef l-istatus ta' konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ilpup għall-kuntrarju tal-għanijiet ta' konservazzjoni eżistenti, kif diġà ġie enfasizzat mill-petizzjonanti;

Or. en

Emenda 64
Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Ifakkar li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, fil-laqgħa tiegħu f'Novembru 2024, stieden lill-Kummissjoni Ewropea tintervjeni sabiex tipprevjeni l-qerda tal-flora, il-fawna u l-ekosistema tal-Park Naturali ta' Cabañeros, reġjun protett skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni fil-park fuq il-post u tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jippermettu lis-sidien jikkontrollaw il-popolazzjonijiet tal-ungulati li qed jeqirdu l-ekosistema tal-park, iżda mingħajr ma jiksru d-drittijiet tagħhom;

Or. es

Emenda 65
Nils Ušakovs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jenfasizza s-smigħ pubbliku ta' suċċess dwar ir-responsabbiltajiet tal-kumpaniji tal-fjuwils fossili fil-kriżi tal-għoli tal-ħajja, abbażi ta' bosta petizzjonijiet li waslu dwar dan is-suġġett; jissottolinja li l-influwenza mhux xierqa ta' dawn il-kumpaniji fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet u l-proċess leġiżlattiv tal-UE tista' tkun kwistjoni ta' ħassib, u jitlob lill-Kummissjoni għal trasparenza sħiħa meta tittratta ma' diversi rappreżentanti ta' gruppi ta' interess, biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' kunflitt ta' interess possibbli u biex jinżamm l-ogħla livell ta' integrità istituzzjonali u fiduċja pubblika;

Or. en

Emenda 66
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jinnota l-għadd dejjem jikber ta' petizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, inklużi s-sikurezza online, l-aċċess għall-edukazzjoni, il-protezzjoni mill-abbuż, u l-privatezza f'ambjenti diġitali; jappella għal kollaborazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u s-soċjetà ċivili biex jiġu indirizzati b'mod urġenti l-lakuni fil-protezzjoni tat-tfal identifikati permezz tal-petizzjonijiet; jisħaq fuq il-ħtieġa li s-sejbiet tal-petizzjonijiet jiġu integrati fl-istrateġiji tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal u li jiġu

esplorati inizjattivi leġiżlattivi ġodda fejn meħtieġ;

Or. en

Emenda 67
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jinnota bi tħassib l-għadd persistentement għoli ta' petizzjonijiet relatati mas-suq intern u l-ħarsien tal-konsumatur; iqis li ż-żieda fil-piż regolatorju fil-livell tal-UE għandha effetti negattivi fuq il-funzjonament tas-suq u d-drittijiet tal-konsumatur; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-leġiżlazzjoni futura tinkludi valutazzjonijiet tal-impatt bir-reqqa fir-rigward tal-esperjenza ta' kuljum taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 68
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq li għadd kbir ta' petizzjonijiet huma relatati ma' kwistjonijiet ta' ksur tal-istat tad-dritt mill-Istati Membri; jinnota l-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u jirrikonoxxi li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet għandu rwol importanti x'jaqdi f'dan ir-rigward;

Or. el

Emenda 69
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jissottolinja li kwistjoni kruċjali oħra mqajma miċ-ċittadini hija n-nuqqas tal-Kummissjoni Ewropea li tirrispetta d-dritt tagħhom għal aċċess għad-dokumenti;

Or. en

Emenda 70
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jissottolinja l-ħidma kostruttiva li saret mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar it-titjib tal-benesseri tal-annimali, wara l-valutazzjoni u s-segwitu mogħtija għal petizzjoni, iffirmata minn 309 911-il ċittadin u ċittadina li talbu Kummissarju tal-UE għall-benesseri tal-annimali; iqis pożittiva d-deċiżjoni tal-President tal-Kummissjoni von der Leyen li tinkariga Kummissarju b'responsabbiltajiet dwar il-benesseri tal-annimali sabiex tibni fuq l-approċċ "Saħħa Waħda", li jirrikonoxxi l-konnessjoni bejn in-nies, l-annimali, il-pjanti u l-ambjent kondiviż tagħhom; jemmen li l-Kummissjoni għandha tirrispetta l-impenn tagħha li tilħaq l-għanijiet li tallinja l-leġiżlazzjoni dwar il-benesseri tal-annimali mal-evidenza xjentifika l-aktar riċenti, twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, tagħmel l-infurzar tagħha aktar faċli u, fl-aħħar mill-aħħar, tiżgura livell ogħla ta'

benesseri tal-annimali;

Or. en

Emenda 71
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jenfasizza l-għadd dejjem jikber ta' petizzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tal-akkomodazzjoni madwar l-Istati Membri, inkluż tħassib dwar kirjiet mhux affordabbli, l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni, il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, u n-nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali adegwata; jistieden lill-Kumitat janalizza b'mod sistematiku dawn il-petizzjonijiet biex jidentifika x-xejriet strutturali u jirreferi s-sejbiet lill-istituzzjonijiet rilevanti tal-UE u lill-gvernijiet nazzjonali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkunsidra qafas Ewropew komprensiv għall-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-aċċess għal kundizzjonijiet tal-għajxien deċenti bħala dritt soċjali fundamentali;

Or. en

Emenda 72
Nils Ušakovs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jisħaq kemm hu urġenti li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea, inklużi inizjattivi li jiggarantixxu d-drittijiet ugwali għall-koppji tal-istess sess u għall-familji

qawsalla; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-miżuri kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni, inkluż dawk ibbażati fuq il-ġeneru, l-oriġini etnika, id-diżabbiltà u r-reliġjon; barra minn hekk, jitlob segwitu dettaljat dwar il-petizzjonijiet li jirrapportaw każijiet ta' diskriminazzjoni u li jsir titjib fl-infurzar tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni madwar l-UE;

Or. en

Emenda 73
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jinnota ż-żieda sinifikanti fl-għadd ta' petizzjonijiet minn ċittadini Griegi fl-2024, inkluż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fil-pajjiż, ir-reat tal-ħabta tal-ferrovija f'Tempi u l-ksur tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet;

Or. el

Emenda 74
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Jiddispjaċih ħafna dwar l-istandards doppji użati fis-segwitu mogħti lil petizzjonijiet, li żdiedu b'mod esponenzjali fl-2024; jikkritika l-fatt li l-petizzjonijiet ingħalqu jew ma ġewx diskussi fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet, għalkemm ġew abbozzati b'argumenti legali u analitiċi sodi u ta' livell għoli,

ikkomplementati minn dokumenti li jispjegaw b'mod ċar id-data u l-fatti dwar il-ksur multiplu ddenunzjat tad-dritt tal-UE mġarrab minn eluf ta' ċittadini, bħal fil-każ tal-petizzjoni dwar il-konsegwenzi ambjentali tal-kostruzzjoni f'Galicia ta' faċilità tal-ipproċessar taċ-ċelluloża, li tkun ta' detriment kbir għas-saħħa pubblika, l-ambjent u l-ekonomija tat-territorju tal-Galicia kkonċernat, filwaqt li fl-istess ħin, xi petizzjonijiet oħra, li b'mod ċar jaqgħu barra mill-mandat tad-dritt tal-UE, mhux biss tqiesu ammissibbli iżda ġew diskussi wkoll fuq il-merti tagħhom;

Or. en

Emenda 75
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Jiġbed l-attenzjoni għall-petizzjonijiet li jenfasizzaw il-ksur tad-drittijiet tal-passiġġieri, b'mod partikolari fil-kuntest tad-dewmien fit-titjiriet, il-kanċellazzjonijiet, u n-nuqqas ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 261/2004; jappella għal mekkaniżmi ta' infurzar aktar stretti u koordinazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet nazzjonali, il-kumpaniji tat-trasport, u l-Kummissjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi aġġornamenti leġiżlattivi biex issaħħaħ il-kumpens u d-drittijiet għall-informazzjoni tal-passiġġieri kollha, inklużi dawk b'mobbiltà mnaqqsa;

Or. en

Emenda 76
Nils Ušakovs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12c. Ifakkar li, fl-2024, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet iddiskuta diversi petizzjonijiet dwar il-kanċellazzjoni ta' permessi ta' residenza permanenti ta' ċittadini Russi fil-Latvja, sitwazzjoni li qed taffettwa b'mod negattiv eluf ta' residenti anzjani; jinnota f'dan il-kuntest l-impenn tal-Kummissjoni li ssegwi din il-kwistjoni mill-qrib, sabiex tiżgura li ma jseħħ l-ebda ksur tad-dritt tal-UE, u jistenna informazzjoni aġġornata dwar l-aħħar żviluppi;

Or. en

Emenda 77
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12d. Japprezza l-ħidma mwettqa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet billi jħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu azzjoni fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, li kkonfermat li t-testijiet approssimattivi attwali dwar il-pestiċidi, kif stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-UE, mhumiex biżżejjed biex jiġi vvalutat u żgurat in-nuqqas ta' effetti tossiċi fit-tul kemm għas-saħħa tal-bniedem kif ukoll għall-ambjent, inkluż għat-taħlita tas-sustanzi attivi tal-pestiċidi ddikjarati bħala koformulanti, peress li din it-taħlita ġeneralment hija aktar tossika minn kwalunkwe sustanza attiva waħedha; jissottolinja li l-EFSA (l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel) irrikonoxxiet li ma għandha l-ebda metodu eżawrjenti biex tevalwa l-effetti li

jirriżultaw mill-interazzjoni bejn il-komposti differenti tal-pestiċidi, li huwa dak li talbu l-petizzjonanti billi ressqu petizzjoni lill-Parlament;

Or. en

Emenda 78
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12d. Ifakkar fil-petizzjonijiet imressqa fir-rigward tal-inċident traġiku tal-ferrovija f'Tempi, il-Greċja, li qajmu tħassib serju rigward is-sikurezza ferrovjarja, il-ġestjoni tal-infrastruttura, l-obbligu ta' rendikont fl-operazzjonijiet tat-trasport għall-impjegati taċ-ċivil u l-membri tal-gvern, l-istat tad-dritt, kif ukoll l-użu ħażin tal-fondi tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali jivvalutaw in-nuqqasijiet sistemiċi fis-sorveljanza ferrovjarja u l-allokazzjoni xierqa tar-riżorsi tal-UE, jiżguraw trasparenza sħiħa fl-investigazzjonijiet, u jsaħħu l-istandards tas-sikurezza fil-livell tal-UE; iħeġġeġ l-inklużjoni tal-feedback tal-petizzjonanti fid-dibattiti ta' politika dwar l-infrastruttura ferrovjarja transfruntiera, il-protezzjoni tal-informaturi, u l-obbligu ta' rendikont fil-governanza tat-trasport;

Or. en

Emenda 79
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12e. Jemmen li hija meħtieġa azzjoni aktar rapida u effettiva fil-livell tal-UE biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-Greċja, b'mod partikolari billi jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet tax-xogħol reali esperjenzati minnhom, sabiex jintemmu t-termini inġusti fil-kuntratti ta' impjieg kif ukoll jiġu indirizzati l-abbużi u l-lakuni kollha; jissottolinja li din il-kwistjoni ġiet ittrattata b'mod estensiv fil-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-qafas tad-diskussjoni u s-segwitu mogħtija lil petizzjoni importanti li tiddenunzja l-ksur fil-Greċja tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol (2003/88/KE) kif ukoll tad-Direttiva (UE) 2019/1152 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli;
	Or. en

Emenda 80
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12e (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12e. Jenfasizza l-petizzjonijiet imressqa minn jew f'isem l-applikanti għall-ażil u l-immigranti li jindikaw ksur tad-drittijiet fundamentali, nuqqas ta' aċċess għal servizzi bażiċi, u dewmien sistemiku fil-proċeduri tal-ażil; jisħaq fuq l-importanza li jiġu rispettati l-valuri tal-UE u l-obbligi legali internazzjonali fit-trattament tal-migranti u l-applikanti għall-ażil; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-ażil trasparenti, umani u bbażati fuq id-drittijiet, u jħeġġeġ li l-ilmenti mqajma fil-petizzjonijiet jiġu segwiti b'mod sistematiku biex jiġu indirizzati l-lakuni legali u jittejbu l-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' akkoljenza madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 81
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12f. Jikkritika bil-qawwa lill-Kummissjoni għad-dewmien tagħha fit-trattament tal-proċedura ta' ksur kontra l-Italja dwar il-ksur serju tad-dritt tal-UE, b'mod partikolari l-ksur tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali, li jirriżulta mill-ġestjoni tal-impjant tal-azzar ILVA f'Taranto; jiddispjaċih li fl-2013 il-Kummissjoni nediet il-proċedura ta' ksur ikkonċernata (INFR(2013)2177) u għalkemm iż-żona rreġistrat b'mod persistenti livell għoli ta' mard kardjovaskulari, respiratorju u karċinoġeniku, inkluż fit-tfal, b'effetti fatali f'ħafna każijiet, kif ukoll livell għoli ħafna ta' sustanzi li jniġġsu l-arja, il-Kummissjoni qatt ma ddifferiet dan il-każ quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE f'aktar fi żmien ta' aktar minn għaxar snin, kif ġie ddenunzjat ripetutament mill-petizzjonanti;

Or. en

Emenda 82
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12f (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12f. Jinnota l-għadd sinifikanti ta' petizzjonijiet li jiddenunzjaw ksur tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE f'diversi Stati Membri, inkluż tħassib dwar id-

deforestazzjoni illegali, it-tniġġis ta' żoni protetti, u n-nuqqas ta' konformità ma' direttivi bħad-Direttiva dwar il-Ħabitats, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u d-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent (id-Direttiva 2008/50/KE) dwar it-tniġġis tal-arja; jistieden lill-Kummissjoni taċċellera l-proċedimenti ta' ksur fejn meħtieġ u ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu reazzjonijiet f'waqthom u trasparenti għall-ilmenti ambjentali u jiżguraw ir-rispett sħiħ tal-istandards ambjentali tal-UE fuq il-post;

Or. en

Emenda 83
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12g. Jenfasizza l-attivitajiet ta' importanza kbira mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2024 fit-trattament tal-petizzjonijiet imressqa mill-koalizzjoni tal-Politika Ħielsa mill-Fossili, li jappellaw biex l-industrija tal-fjuwils fossili tinżamm responsabbli għar-rwol tagħha fil-kriżi tal-enerġija u tal-għoli tal-ħajja kif ukoll biex tintemm l-influwenza tal-fjuwils fossili fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, fid-dawl tal-għadd kbir ta' evidenza inkonfutabbli li ħarġet fid-dieher, li turi li minn ħafna snin l-industrija tal-fjuwils fossili kellha għarfien sħiħ dwar il-perikli fuq il-klima maħluqa mill-prodotti tagħha u, aktar milli tappoġġja tranżizzjoni lejn futur ibbażat fuq l-enerġija rinnovabbli, għażlet li xxerred iċ-ċaħda tal-klima u d-diżinformazzjoni; jissottolinja li r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tat-tibdil fil-klima f'rapport ġdid ta' Mejju 2025 lill-

Assemblea Ġenerali tan-NU appella għal pieni kriminali kontra dawk li jxerrdu d-diżinformazzjoni dwar il-kriżi klimatika u projbizzjoni totali fuq il-lobbying u r-reklamar tal-industrija tal-fjuwils fossili, sabiex jibdew jiġu ssalvagwardjati b'mod adegwat id-drittijiet tal-bniedem u l-pjaneta minn konsegwenzi katastrofiċi minħabba t-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 84
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12g (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12g. Ifakkar li, f'konformità mal-Artikolu 17 tat-TUE, il-Kummissjoni hija fdata bl-iżgurar tal-applikazzjoni xierqa tad-dritt tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR); jiddispjaċih li bosta petizzjonijiet iqajmu tħassib dwar infurzar mhux uniformi jew insuffiċjenti tal-GDPR fl-Istati Membri kollha; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi b'mod sistematiku tali petizzjonijiet u tipprovdi ċarezza legali u trasparenza sħiħa dwar kif tivvaluta u tindirizza l-ksur rikorrenti tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data; iħeġġeġ kollaborazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-indirizzar tat-tħassib taċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 85
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12h (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12h. Jikkritika bil-qawwa l-mod kif il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ittratta petizzjoni, imressqa f'isem Plataforma Ulloa Viva, li tiddenunzja l-konsegwenzi ambjentali detrimentali serji relatati ma' proġett għall-bini ta' faċilità għall-ipproċessar taċ-ċelluloża fil-Galicia; jiddispjaċih ħafna dwar il-ksur tar-regoli proċedurali, li wassal biex tingħalaq din il-petizzjoni, għalkemm il-petizzjonanti, appoġġjati minn diversi assoċjazzjonijiet u awtoritajiet lokali, ippreżentaw analiżijiet legali u xjentifiċi dettaljati ħafna li juru li dan il-proġett jonqos milli jissodisfa l-kriterji stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, li jiddikjara li l-proġetti jridu jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' ekonomiji aktar sostenibbli li huma mħejjija aħjar għat-tranżizzjoni ekoloġika, kif ukoll jinvolvu livell għoli ħafna ta' konsum ta' riżorsi naturali, tniġġis massiv, il-qerda ta' żona ta' valur eċċezzjonali għall-bijodiversità u d-degradazzjoni ta' servizzi ewlenin tal-ekosistema, li huma kruċjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

Or. en

Emenda 86
Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Virginie Joron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-kontribut importanti li sar mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, kif żvelat mit-trattament tiegħu ta' għadd ta' petizzjonijiet dwar dan is-suġġett, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-Petizzjoni 1056/2016 dwar is-sottomissjoni	13. Jisħaq fuq il-kontribut importanti li sar mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, kif żvelat mit-trattament tiegħu ta' għadd ta' petizzjonijiet dwar dan is-suġġett, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-Petizzjoni 1056/2016 dwar is-sottomissjoni

ta’ petizzjonijiet fil-lingwi tas-sinjali nazzjonali; ifakkar is-sessjoni ta’ ħidma annwali tat-2 ta’ Diċembru 2024 dwar id-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà li saret mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li ffukat fuq is-sitwazzjoni attwali tal-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà 2021-2030;	ta’ petizzjonijiet fil-lingwi tas-sinjali nazzjonali; ***jirrikonoxxi, f’dan il-kuntest, l-isforzi tas-servizzi tal-Parlament u jinnota li mhux biss trid tinstab l-aħjar soluzzjoni teknika iżda s-soluzzjoni l-aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini torox sabiex jikkomunikaw magħhom bil-lingwa materna tagħhom stess, bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali; jitlob il-modifika tar-Regoli ta’ Proċedura f’kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO) sabiex tiġi eliminata l-komunikazzjoni esklużivament bil-miktub obbligatorja maċ-ċittadini li huma utenti tal-lingwa tas-sinjali, torox jew li jbatu biex jisimgħu sabiex, fuq talba tagħhom, ikunu jistgħu jużaw il-lingwa tas-sinjali tagħhom matul il-proċedura; jinnota li l-edukazzjoni tal-istudenti b’diżabbiltà, iċ-ċaħda tas-servizzi tal-kura tas-saħħa għall-persuni b’diżabbiltà u l-aċċessibbiltà tal-ispazji u s-servizzi pubbliċi kienu ta’ tħassib ulterjuri għall-petizzjonanti fl-2024;*** ifakkar is-sessjoni ta’ ħidma annwali tat-2 ta’ Diċembru 2024 dwar id-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà li saret mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li ffukat fuq is-sitwazzjoni attwali tal-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà 2021-2030;
	Or. en

Emenda 87
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jisħaq fuq il-kontribut importanti li sar mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà, kif żvelat mit-trattament tiegħu ta’ għadd ta’ petizzjonijiet dwar dan is-suġġett, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-Petizzjoni 1056/2016 dwar is-sottomissjoni	13. Jisħaq fuq il-kontribut importanti li sar mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà, kif żvelat mit-trattament tiegħu ta’ għadd ta’ petizzjonijiet dwar dan is-suġġett, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-Petizzjoni 1056/2016 dwar is-sottomissjoni

ta’ petizzjonijiet fil-lingwi tas-sinjali nazzjonali; ifakkar is-sessjoni ta’ ħidma annwali tat-2 ta’ Diċembru 2024 dwar id-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà li saret mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li ffukat fuq is-sitwazzjoni attwali tal-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà 2021-2030;	ta’ petizzjonijiet fil-lingwi tas-sinjali nazzjonali; ifakkar is-sessjoni ta’ ħidma annwali tat-2 ta’ Diċembru 2024 dwar id-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà li saret mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet, li ffukat fuq is-sitwazzjoni attwali tal-istrateġija għad-drittijiet tal-persuni b’diżabbiltà 2021-2030 ***u jheġġeġ l-integrazzjoni rapida tas-sejbiet tal-petizzjonijiet fir-rieżami ta’ nofs it-terminu tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b’Diżabilità 2021–2030, b’miri u impenji baġitarji li jistgħu jitkejlu***;

Or. en

Emenda 88
Pál Szekeres, Jean-Paul Garraud, Sebastian Kruis, Virginie Joron, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja r-rwol ta’ protezzjoni speċifiku li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabbiltà; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma importanti kontinwa tal-kumitat b’rabta ma’ petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà;	14. Jissottolinja r-rwol ta’ protezzjoni speċifiku li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabbiltà; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma importanti kontinwa tal-kumitat b’rabta ma’ petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà; ***iħeġġeġ lill-Kumitat PETI jipprijoritizza, fl-elezzjonijiet li ġejjin, l-inklużjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b’diżabbiltà li jixtiequ jinvolvu ruħhom fil-ħidma tal-qafas, f’konformità mal-prinċipju “xejn dwarna mingħajrna”;***

Or. en

Emenda 89
Kosma Złotowski, Ivaylo Valchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jissottolinja r-rwol ta' protezzjoni speċifiku li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma importanti kontinwa tal-kumitat b'rabta ma' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà;	14. Jissottolinja r-rwol ta' protezzjoni speċifiku li jiżvolġi l-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi ħdan l-UE fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà; jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma importanti kontinwa tal-kumitat b'rabta ma' petizzjonijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet relatati mad-diżabbiltà; ***ifakkar li r-referenza għall-petizzjonijiet dwar il-ħtieġa tal-kard tad-diżabbiltà fl-Unjoni kollha ġiet inkluża fid-Direttiva 2024/2841 li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ; jissottolinja li l-petizzjonijiet jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-proċess leġiżlattiv;***

Or. en

Emenda 90
Pál Szekeres, Jean-Paul Garraud, Sebastian Kruis, Virginie Joron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jilqa' l-eżiti tal-istudju "Linguistic and cultural diversity – Minority and minoritised languages as part of European linguistic and cultural diversity" (Id-diversità lingwistika u kulturali – il-lingwi minoritarji u minoritizzati bħala parti mid-diversità lingwistika u kulturali Ewropea), li jissottolinja li s-sitwazzjoni tal-lingwi minoritarji u minoritizzati Ewropej tista' sservi bħala barometru tal-istat attwali tad-diversità lingwistika u kulturali Ewropea; jinnota b'dispjaċir li aktar minn żewġ terzi tal-minoranzi lingwistiċi fl-Unjoni Ewropea naqsu b'mod sinifikanti fin-numru f'dawn l-aħħar deċennji (1991-2011), u li trid tiġi preżunta

	tendenza simili fir-rigward tal-użu tal-lingwi mitkellma minn dawn il-minoranzi; jissottolinja, madankollu, li xi eżempji pożittivi – li kollha jinsabu fl-Unjoni Ewropea – juru li hemm eċċezzjonijiet għal din it-tendenza ġenerali, u li jeżistu possibbiltajiet vijabbli, kif deskritt fl-istudju, għall-protezzjoni u l-promozzjoni b'suċċess tal-minoranzi u l-lingwi tagħhom, u b'hekk tissaħħaħ id-diversità lingwistika u kulturali tal-Ewropa;

Or. en

Emenda 91
Virginie Joron, Pál Szekeres, Sebastian Kruis, Jean-Paul Garraud, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Ifakkar fil-fatt li r-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew jirrappreżentaw waħda mir-responsabbiltajiet mogħtija lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet mir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament; jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva tal-Parlament mal-Ombudsman Ewropew, li magħha l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jikkondividi l-objettivi li jiġu żgurati t-trasparenza, il-professjonaliżmu u l-integrità tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-konfront taċ-ċittadini Ewropej, kif ukoll l-involviment tiegħu fin-Network Ewropew tal-Ombudsmen;	15. Ifakkar fil-fatt li r-relazzjonijiet mal-Ombudsman Ewropew jirrappreżentaw waħda mir-responsabbiltajiet mogħtija lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet mir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament; jilqa' l-kooperazzjoni kostruttiva tal-Parlament mal-Ombudsman Ewropew, li magħha l-Kumitat għall-Petizzjonijiet jikkondividi l-objettivi li jiġu żgurati t-trasparenza, il-professjonaliżmu u l-integrità tal-istituzzjonijiet tal-UE fil-konfront taċ-ċittadini Ewropej, ***fi żmien ta' skandli rikorrenti (Pfizergate, Qatargate, Huaweigate, eċċ.),*** kif ukoll l-involviment tiegħu fin-Network Ewropew tal-Ombudsmen;

Or. fr

Emenda 92
Nils Ušakovs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jenfasizza r-rwol tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fil-proċess elettorali tal-Ombudsman Ewropew, b'mod partikolari fl-organizzazzjoni tas-seduta ta' smigħ pubblika mal-kandidati eliġibbli kollha, li saret fit-3 ta' Diċembru 2024, li kienet miftuħa għall-Membri kollha tal-Parlament Ewropew, u b'hekk tathom il-possibbiltà demokratika u trasparenti li jiskambjaw fehmiet mal-kandidati u jivvalutaw l-indipendenza, il-kwalifiki u l-professjonaliżmu tagħhom kif ukoll il-viżjoni tagħhom għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew fi ħdan l-arkitettura istituzzjonali tal-UE;

Or. en

Emenda 93
Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jirrikonoxxi l-kontributi*** regolari tal-Ombudsman Ewropew għall-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena; jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni jeħtiġilhom jiżguraw segwitu konsistenti u effikaċi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman;	16. ***Iheġġeġ il-kontributi*** regolari tal-Ombudsman Ewropew għall-ħidma tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-sena; jemmen bis-sħiħ li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni jeħtiġilhom jiżguraw segwitu konsistenti u effikaċi għar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman;

Or. en

Emenda 94
Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jenfasizza r-rwol essenzjali tal-Ombudsman Ewropew fil-promozzjoni tat-trasparenza, l-amministrazzjoni tajba, u l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini; jappella għal kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Kumitat PETI u l-uffiċċju tal-Ombudsman, inklużi skambji f'waqthom dwar kwistjonijiet sistemiċi mqajma fil-petizzjonijiet u segwitu aħjar tas-sejbiet tal-Ombudsman fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 95
Marcin Sypniewski

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jinnota t-tħassib rikorrenti mqajjem mill-petizzjonanti rigward it-tul eċċessiv u l-kumplessità tal-proċeduri fi kwistjonijiet li jidhru minuri jew ta' rutina; jiddispjaċih li n-nuqqasijiet istituzzjonali jkomplu jnaqqsu l-fiduċja fil-korpi tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jissimplifikaw il-proċeduri u jtejbu l-effiċjenza amministrattiva, b'mod partikolari f'każijiet ta' interess dirett għaċ-ċittadini individwali;

Or. en

Emenda 96
Dolors Montserrat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li, minkejja l-waqfa parlamentari minħabba l-elezzjonijiet Ewropej, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet esprima l-pożizzjoni tiegħu u għamel rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet importanti mqajma fil-petizzjonijiet, inkluż l-adozzjoni ta' żewġ rapporti ta' missjonijiet wara żjarat ta' tiftix tal-fatti;	17. Jinnota li, minkejja l-waqfa parlamentari minħabba l-elezzjonijiet Ewropej, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet esprima l-pożizzjoni tiegħu u għamel rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet importanti mqajma fil-petizzjonijiet, inkluż l-adozzjoni ta' żewġ rapporti ta' missjonijiet wara żjarat ta' tiftix tal-fatti; ***jesprimi dispjaċir dwar il-fatt li l-awtoritajiet edukattivi tal-Katalonja ma implimentawx ir-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fir-rapport tiegħu tad-19 ta' Marzu 2024 wara l-missjoni li kellha l-għan li jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet lingwistiċi tal-istudenti u tal-familji tagħhom;***

Or. es

Emenda 97
Kosma Złotowski, Ivaylo Valchev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jinnota li, minkejja l-waqfa parlamentari minħabba l-elezzjonijiet Ewropej, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet esprima l-pożizzjoni tiegħu u għamel rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet importanti mqajma fil-petizzjonijiet, inkluż l-adozzjoni ta' żewġ rapporti ta' missjonijiet wara żjarat ta' tiftix tal-fatti;	17. Jinnota li, minkejja l-waqfa parlamentari minħabba l-elezzjonijiet Ewropej, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet esprima l-pożizzjoni tiegħu u għamel rakkomandazzjonijiet dwar kwistjonijiet importanti mqajma fil-petizzjonijiet, inkluż l-adozzjoni ta' żewġ rapporti ta' missjonijiet wara żjarat ta' tiftix tal-fatti ***li saru fit-tieni nofs tal-2023, jiġifieri missjoni lejn l-Irlanda dwar il-bini tal-majka u missjoni lejn Spanja dwar l-immersjoni lingwistika fil-Katalonja***;

Or. en

Emenda 98

Nils Ušakovs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jinnota l-mistoqsija orali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-għalliema fl-UE li kellha l-għan li żżid il-prestiġju u l-attraenza ta' din il-professjoni ewlenija u li indirizzat l-isfidi strutturali, bħan-nuqqas persistenti ta' għalliema kwalifikati, b'mod partikolari fiż-żoni rurali, il-livelli inadegwati tas-salarji, in-nuqqas ta' ftehimiet ta' negozjar kollettiv, il-prevalenza ta' kuntratti b'terminu fiss, it-tnaqqis fil-kwalità tal-infrastruttura jew kompiti amministrattivi addizzjonali u ta' piż assenjati lill-għalliema; jinsab allarmat dwar it-tweġiba orali tal-Kummissjoni li tikkonferma li n-nuqqas ta' għalliema huwa kawża serja ta' tħassib u li dan huwa rifless wkoll fir-riżultati reċenti tal-PISA fejn lanqas Stat Membru wieħed ma rnexxielu jtejjeb il-prestazzjoni tiegħu fil-ħiliet bażiċi; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu b'mod sinifikanti l-isforzi tagħhom biex itejbu s-sistemi tal-edukazzjoni skolastika tagħhom filwaqt li jżidu wkoll l-attraenza tal-professjoni tal-għalliema, inkluż permezz ta' finanzjament u programmi, bħall-Fond Soċjali Ewropew, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew Erasmus+;

Or. en

Emenda 99
Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jinnota l-għadd dejjem jikber ta' petizzjonijiet relatati mal-politika tal-edukazzjoni, b'mod partikolari r-rikonoxximent tal-kwalifiki fil-qasam tat-tagħlim madwar l-Istati Membri; jappella għal rispons aktar b'saħħtu tal-Kummissjoni għat-tħassib taċ-ċittadini f'dan il-qasam;

Or. en

Emenda 100
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jappella biex jiġu stabbiliti rapporti u seduti ta' smigħ tematiċi ta' segwitu meta diversi petizzjonijiet ibbażati fuq evidenza soda u ġustifikazzjonijiet legali jikkonċernaw l-istess kwistjoni (eż. l-ambjent, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, l-inġustizzji transfruntiera), b'rakkomandazzjonijiet għal azzjoni leġiżlattiva jew ta' politika sistemika fil-livell tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 101
Pál Szekeres, Jean-Paul Garraud, Sebastian Kruis, Virginie Joron

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jissottolinja li l-Portal tal-Petizzjonijiet huwa għodda essenzjali biex jiġi żgurat proċess tal-petizzjonijiet bla xkiel, effiċjenti u trasparenti; jilqa' t-titjib	19. Jissottolinja li l-Portal tal-Petizzjonijiet huwa għodda essenzjali biex jiġi żgurat proċess tal-petizzjonijiet bla xkiel, effiċjenti u trasparenti; jilqa' t-titjib

li sar fuq il-portal għall-benefiċċju tal-petizzjonanti u jisħaq li l-isforzi biex il-portal isir aktar aċċessibbli jridu jitkomplew, inkluż li dan isir aktar aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà; jinnota li l-Portal tal-Petizzjonijiet kien wieħed mill-aktar siti web tal-Parlament li żaruh nies, u b'hekk serva bħala l-ewwel punt ta' kuntatt mal-Parlament għal ħafna ċittadini tal-UE;	li sar fuq il-portal għall-benefiċċju tal-petizzjonanti u jisħaq li l-isforzi biex il-portal isir aktar aċċessibbli jridu jitkomplew, inkluż li dan isir aktar aċċessibbli ***għall-utenti tal-lingwa tas-sinjali kif mitlub fil-petizzjoni 1056/2016 u*** għall-persuni b'diżabbiltà; jinnota li l-Portal tal-Petizzjonijiet kien wieħed mill-aktar siti web tal-Parlament li żaruh nies, u b'hekk serva bħala l-ewwel punt ta' kuntatt mal-Parlament għal ħafna ċittadini tal-UE;
	Or. en

Emenda 102
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jirrakkomanda l-ħolqien ta' Mekkaniżmu ta' Valutazzjoni tal-Impatt għall-Petizzjonijiet biex jevalwa l-effettività u l-influwenza leġiżlattiva tal-petizzjonijiet kull sena, inklużi każijiet fejn il-petizzjonijiet ikunu wasslu għal azzjonijiet ta' ksur, leġiżlazzjoni, jew riformi istituzzjonali;
	Or. en